MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Numru. 559/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Miriam Plaza Yunta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Miriam Plaza Yunta ta' 30 sena, bint il-mejtin Francisco u Aurora nee' Yunta, imwielda gewwa Guadalajara fi Spanja nhar il-11 ta' Lulju 1983, residenti gewwa Balluta Buildings, Flat 6, Triq Manwel Dimech, Sliema u detentrici tal-karta tal-identita' Spanjola bin-numru 03127166V:

1. Talli nhar it-8 ta' Mejju 2014 f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-hanut bl-isem Herz Car Rental li jinsab gewwa, Triq it-Torri, Sliena, f'xi hin bejn 14.30hrs u 15.45hrs, ikkommettiet serq ta' mobile Samsung S4 liema serq huwa kwalifikat bil-valur liema ammont huwa izjed minn €223.94 ghad-detriment ta' Vannessa Pollacco detentrici tal-karta tal-identita' 449580(M) u/jew persuna/I u/jew entita' jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-artikoli 261(c), 267, 279(a);

2. U aktar talli f'Malta xjentement laqet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Filwaqt li giet ezebita l-fedina penali ta' Miriam Plaza Yunta intalab li l-kaz jigi investigat skont il-ligi u intalab mill-Qorti tordna lill-imputata tiddepozita l-karta ta' l-identita' kif ukoll il-passaport taghha f'dawn l-atti u dan fid-dawl ta' l-izvilupp tas-shubija ta' pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta' l-artikolu 8(1)(a)(b) ta' l-Att dwar il-karta ta' l-identita', Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkunsidra l-posizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li kkollaborat bis-shih mal-pulizija, il-fedina penali taghha hija wahda netta u li rritornat ir-refurtiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) millum.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk tikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------